**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 17 t'Ottubru 2017

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 65

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 63 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 25 t'Ottubru 2017 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
65.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
65.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
65.5 Rapporti;
65.6 Aġġornament dwar l-aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti QLC – CCV 49/17 dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
65.7 Aġġornament dwar il-bini ta' kmajra għall-ATM fil-Qrendi;
65.8 Il-festi tal-Milied 2017 u l-Ewwel tas-Sena 2018;
65.9 Ġieħ il-Qrendi u Jum il-Qrendi 2018;
65.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
65.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-65 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 23 t'Ottubru 2017 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 65.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA

65.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

## 65.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

65.2.1 Il-Minuti tat-63 u l-64 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

65.2.2 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat il-Minuti.

65.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

65.2.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-filmat propost dwar il-kappelli u l-Knisja Parrokjali għall-Festival Agrarju tal-Patata tas-sena d-dieħla, se jkollna nipposponuh minħabba li l-istudenti tal-MCAST diġa' għandhom ix-xogħol għal din is-sena skolastika assenjat għalihom.

65.2.4.1 Qal li ppproponewlu li jressaq il-proposta f'April tas-sena d-dieħla sabiex il-filmat ikun jista' jinħadem għall-Festival Agrarju tal-Patata 2019.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 65.3, 65.4 u 65.5 jiġu diskussi wara Minuta 65.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

65.6 **AĠĠORNAMENT DWAR L-AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – CCV 49/17 DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

65.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-preżent ninsabu fl-istadju t'aġġudikazzjoni ta' din is-sejħa u spjega li issa se nkunu qegħdin nitolbu aktar informazzjoni minn dawk li tefgħu l-offerta tagħhom.

65.6.2 Qal li l-Perit Henry Attard, li qiegħed jissorvelja dan il-proġett, diġa' għamel ir-rapport inizjali dwar l-offerti li ntefgħu, u issa se jkun qiegħed jaġġorna dan ir-rapport bl-informazzjoni ġdida li se nirċievu mingħand dawk li tefgħu l-offerti.

65.6.3 Spjega kif se nippruvaw li jkollna kollox f'idejna sal-laqgħa li jmiss sabiex il-proċess t'aġġudikazzjoni jkun jista' jiġi finalizzat u jingħata dan it-tender.

65.7 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TA' KMAJRA GĦALL-ATM FIL-QRENDI**

65.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Ħadd li għada kienet it-tlettax-il ġurnata li fiha saret ħidma fuq il-kmajra għall-ATM.

65.7.2 Qal li issa sar il-kisi tal-kmajra minn ġewwa kif ukoll tqiegħed il-madum, filwaqt li qegħdin niddiskutu fejn hemm bżonn li jsiru l-*points* tad-dawl.

65.7.3 Spjega kif meta jasal il-bieb tas-sigurtà, inkunu nistgħu nieħdu ħsieb li ssir ukoll it-tieqa u dan sabiex il-kmajra tibda tiġi finalizzata minn kollox.

65.7.4 Fisser kif meta fl-aħħar ġranet għamel maltemp qawwi, sa ċertu punt ġietna tajba, għax stajna nindunaw b'ċertu difetti preżenti u li allura dawn ġew irranġati sabiex nevitaw problemi aktar 'il quddiem.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

65.7.5 Qal li issa rridu naħdmu għall-*compliance certificate* sabiex inġibu l-permess ħalli jkollna s-servizz tad-dawl u l-internet.

65.7.6 Spjega kif issa se nitkellmu ma' persuna partikolari sabiex jgħaddi l-wires tad-dawl fil-kmajra, u dan sabiex meta tasal il-magna tal-flus, din tkun tista' tiġi mqabbda u malli joħroġ il-permess mingħand l-Enemalta sabiex ikollna d-dawl, din tkun tista' tibda titħaddem.

65.7.7 Għalaq billi qal li fuq in-naħa ta' wara tal-kmajra se ssir afforestazzjoni żgħira u dan sabiex din il-parti tiġi msebbħa u nibqgħu nibżgħu għall-ambjent.

## 65.8 IL-FESTI TAL-MILIED 2017 U L-EWWEL TAS-SENA 2018

65.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li f'dawn l-aħħar jiem kien avviċinat mill-President tar-Repubblika sabiex fil-bidu ta' Diċembru li ġej ntellgħu attività b'risq il-*Community Chest Fund.*

65.8.1.1 Qal li barra minn hekk, kien avviċinat ukoll minn membru tal-grupp *Classic Motors*, fejn dan wera x-xewqa li fil-Qrendi nagħmlu esebizzjoni ta' karozzi antiki u klassiċi u dan sabiex nagħmlu *fund raising* għal xi għan filantropiku.

65.8.1.2 Spjega kif l-ewwel ħsieb kien li ssir attività fil-pjazza prinċipali tal-Qrendi, imma hu ssuġerixxa li l-aħjar lok ikun Misraħ il-Maqluba u parti minn Triq it-Tempesta.

65.8.1.3 Is-Sindku ppropona li bħala Kunsill Lokali għandna naħsbu fuq il-possibiltà jekk nagħmlux villaġġ tal-Milied jew le għal dakinhar.

65.8.1.4 Qal li wieħed irid joqgħod ftit attent kemm jorganizza attivitajiet u dan minħabba li diversi għaqdiet Qrendin jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

65.8.1.5 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda l-proposta tas-Sindku u se nkunu wkoll qegħdin inkellmu liċ-Ċentru ta' Riżorsi Guardian Angel tal-Ħamrun, sabiex naraw jekk jgħinuniex fl-ikel għal din l-attività.

65.8.2 Is-Sindku tkellem dwar it-tiżjin li jsir bid-dawl mas-siġar fi Triq Ġużé Cassar.

65.8.2.1 Qal li din is-sena jmiss lis-Soċjetà Mużikali Santa Marija li tarma dan id-dawl u se nkunu qegħdin infakkrukom fil-jiem li ġejjin dwar dan.

65.8.3 Is-Sindku tkellem dwar is-servizz ta' *horns* madwar it-toroq prinċipali tal-Qrendi matul il-jiem ta' festi u ppropona li għal din is-sena nerġgħu nagħmlu l-istess.

65.8.3.1 Tressqet il-proposta sabiex isiru *horns* ukoll fi Triq il-Kbira u Triq is-Salvatur, sabiex inlaħħqu ma' parti oħra tal-Qrendi li hija pjuttost ċentru kummerċjali.

65.8.3.2 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament, u issa se nkellmu lill-kumpanija li tipprovdi l-*horns* u s-*sound* sabiex naraw kemm tiġi tiswa.

65.8.3.3 Il-Kunsill Lokali qabel ukoll li dawn il-*horns* ikunu armati mit-Tnejn 11 ta' Diċembru 2017 sas-Sibt 6 ta' Jannar 2018.

## 65.9 <u>ĠIEĦ IL-QRENDI U JUM IL-QRENDI 2018</u>

65.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-sena 2018 tfisser sena speċjali għal raħalna, mhux biss minħabba l-attivitajiet relatati mal-Valletta 2018, imma wkoll minħabba li l-Parroċċa tagħna se tkun qiegħda tagħlaq 400 sena anniversarju.

65.9.1.1 Qal li mill-informazzjoni li għandu l-Kunsill Lokali, jidher li nhar il-Hadd 18 ta' Frar 2018, f'Jum il-Qrendi, se tkun qiegħda ssir quddiesa

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

pontifikali li għaliha se jkunu mistiedna tliet Isqfijiet sabiex jikkonċelebraw, u allura din se tkun l-attività prinċipali għal dakinhar.

65.9.1.2 Spjega kif l-attività li s-soltu jorganizza l-Kunsill Lokali għal Ġieħ il-Qrendi, xorta waħda tista' ssir normali, u din se ssir nhar is-Sibt 17 ta' Frar 2018.

65.9.1.3 Fisser kif issa rridu naraw fejn se ntellgħu din is-serata, jekk hux fis-sala tal-Iskola Primarja jew inkella hux fis-sala taċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

65.9.1.4 Qal li l-applikazzjonijiet għal Ġieħ il-Qrendi 2018 se jinħarġu nhar il-Ġimgħa 1 ta' Diċembru 2017 u jagħlqu nhar il-Ġimgħa 5 ta' Jannar 2018.

65.9.1.5 Saħaq li b'dan il-mod se nkunu qegħdin nagħtu aktar minn xahar ċans sabiex ir-residenti Qrendin jipproponu lil min ħaqqu jew ħaqqha jirbaħ Ġieħ il-Qrendi.

65.9.2 Is-Sindku ressaq ukoll il-proposta li l-Kunsill Lokali m'għandux ikun marbut li jagħti biss Ġieħ il-Qrendi, imma li skont il-prerogattiva tiegħu, il-Kunsill Lokali jista' jagħti wkoll rikonoxximenti differenti, kif ġieli sar matul is-snin.

65.9.2.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 65.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

65.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar e-mail mibgħuta mis-Sur Daniel Ciappara, Koordinatur tal-Komunikazzjoni fis-Segretarjat għall-Gvern Lokali u l-Komunitajiet, bit-titlu **Stedina mill-Onor. Silvio Parnis biex tibagħtu s-suġġerimenti tagħkom**.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

65.3.1.1 Qal li jkun tajjeb jekk il-Kunsillieri kollha jibagħtu l-proposti tagħhom dwar dawk il-punti li jaħsbu li jkunu utli li jkunu fir-riforma proposta tal-Kunsilli Lokali.

65.3.1.2 Spjega kif se nkunu qegħdin niġbru l-punti mingħand kulħadd, imbagħad ngħaddu lill-Onorevoli Parnis.

65.3.2 Is-Sindku tkellem dwar e-mail mibgħuta mis-Sur Mario Fava, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirk. AKL 81/2017 – Laqgħa tas-Sindki, 15 u 16 ta' Diċembru 2017, Grand Hotel, Mġarr, Għawdex – Formoli tar-Reġistrazzjoni.**

65.3.2.1 Qal li għal din il-laqgħa, qegħdin jiġu mistiedna wkoll il-*Minority Leaders* u għaldaqstant il-Kunsillier Daniel Farrugia jista' jattendi wkoll għal din il-laqgħa.

65.3.2.2 Is-Sindku David Schembri, il-Viċi Sindku Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia kollha kkonfermaw l-attendenza tagħhom għal din il-laqgħa.

65.3.3 Is-Sindku tkellem dwar e-mail mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, Assistent Prinċipal fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 30/2017 – Twettiq ta' proġetti utli għall-Komunità bla spejjeż għall-Kunsilli Lokali.**

65.3.3.1 Qal li għalkemm malli taraha, din iċ-Ċirkulari tidher waħda vantaġġjuża, bħala Kunsill Lokali rridu noqgħodu attenti dwar jekk nidħlux għaliha jew le.

65.3.3.2 Spjega kif s'issa, ħadd għadu m'avviċina lill-Kunsill Lokali għax jixtieq jagħmel xi proġett fil-lokal u għalhekk għandna nistennew sabiex naraw jekk xi individwu jew kumpanija jersqux 'il quddiem b'xi proposta għal-lokalità tagħna.

65.3.4 Is-Sindku tkellem dwar ir-risposta tal-Kunsill Lokali għall-*Management Letter* tal-awdituri għall-*Financial Statements 2016*.

65.3.4.1 Qal li se jħalli f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex jispjega l-punti li se nwieġbu għalihom f'din ir-risposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

65.3.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fir-risposta tiegħu, il-Kunsill Lokali wieġeb għal kull punt li ssemma' fil-*Management Letter* tal-awdituri.

65.3.4.3 Qal li għalkemm il-punti f'din il-*Management Letter* naqsu minn dawk li kellna s-sena ta' qabel, xorta waħda għad hemm punti rikorrenti li qegħdin jidhru minn sena għall-oħra.

65.3.4.4 Spjega kif wasal iż-żmien li dawn il-punti nħarsu lejhom wieħed wieħed u nindirizzawhom, sabiex nippruvaw li kemm jista' jkun innaqqsuhom mill-*Management Letter* tas-sena li ġejja.

65.3.4.5 Wara diskussjoni dwar il-*Management Letter*, il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona li għandha tiġi kkonfermata r-risposta tal-Kunsill Lokali.

65.3.4.6 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

65.3.5 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu mas-Sur Colin Layfield, lettur fl-informatika fl-Università ta' Malta, bi proposta dwar it-*totem kiosk* li jinsab fil-pjazza.

65.3.5.1 Qal li dan il-lettur huwa interessat li jgħin f'dan it-*totem kiosk*, u dan sabiex jitħaddem għall-massimu tiegħu u mhux kif qiegħed illum.

65.3.5.2 Fisser kif is-Sur Layfield huwa intenzjonat li jqabbad studenti universitarji li jaħdmu fuq dan il-kiosk t'informazzjoni bħala parti mill-istudji tagħhom, u sabiex dawn isibu programm li jista' jitħaddem sew fuq din is-sistema.

65.3.6 Is-Sindku tkellem dwar e-mail li l-Kunsill Lokali rċieva mingħand is-Sa Mary-Anne Portelli, bit-titlu **Triq is-Salvatur**.

65.3.6.1 Qal li wieħed ma jistax jiċħad dak li hemm miktub fl-e-mail, biss saħaq li jkun jagħmel aktar sens li minflok isiru l-linji sofor quddiem il-bieb ta' barra tar-residenti, jiġu rranġati l-kaxxi ta' parkeġġ f'din il-parti tat-triq, sabiex l-aċċess għall-bieb ta' barra jibqa' liberu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

65.3.6.2 Spjega kif fil-preżent, l-aċċess għall-parkeġġ huwa wieħed sħiħ, fejn ġieli anke pparkjaw tliet karozzi, biss issa nippruvaw li nħallu parkeġġ għal żewġ karozzi biss u nittamaw li din il-problema tiġi riżolta.

## 65.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

65.4.1 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud staqsiet dwar l-iskema tas-siġar li għaliha t-tfal qegħdin jirċievu l-karti fid-djar tagħhom.

65.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li din hija skema li hija mmirata għal studenti bejn it-8 u l-10 snin, imma s'issa donnu li ma kellniex informazzjoni biżżejjed kif se taħdem din l-iskema.

65.4.1.2 Qal li fil-preżent aħna qegħdin nilqgħu l-applikazzjonijiet tal-istudenti, u anke ħadna xi applikazzjonijiet l-Iskola Primarja minħabba li konna infurmati li mhux l-istudenti kollha rċevew l-ittra d-dar.

65.4.1.3 Spjega kif se niċċekkjaw sa meta jistgħu jġibu l-applikazzjonijiet u kif se nipproċedu wara.

## 65.5 RAPPORTI

63.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li s-sotto kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata 2018 beda jingħaqad u s'issa kellu aċċettazjoni mingħand is-Sur Carmelo Farrugia u s-Sur Jurgen Xerri li jixtiequ li jerġgħu jkunu parti minn dan is-sotto kumitat.

63.5.1.1 Qal li s-Sur Raymond Farrugia skuża ruħu li għal din is-sena mhux se jkun jista' jkun parti minn dan is-sotto kumitat.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 65.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

65.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €29,942.48 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 10/17 u €43.94 skont il-*Petty Cash* Ref U/09.

65.8.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

65.8.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

65.8.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 65.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

65.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 20 ta' Novembru 2017 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |